**Kulleġġ San Tumas More**

**Skejjel Primarji**

**Eżami ta' Nofs is-Sena**

**STUDJI SOĊJALI**

**Is-Sitt Sena** **Frar 2015** **Ħin: Siegħa**

Isem: ________________________

Klassi: ________________________

Total ta' marki

## Sezzjoni A – L-Assedju l-Kbir

### A.1 Għid min jien? Imla l-vojt (10 marki)

1. Hawnhekk daħlet il-flotta Torka wara li ntrebaħ il-Forti Sant'Iermu. ______________
2. Jien il-Granmastru li mexxejt lill-Maltin u lill-Kavallieri. ______________
3. It-titlu mogħti lill-Isla – tfisser 'belt mhux mirbuħa'. ______________
4. Jien kelli l-flotta Torka taħt it-tmexxija tiegħi. ______________
5. Jien il-mexxej tat-truppi Torok. ______________
6. It-titlu mogħti lill-Birgu – tfisser 'belt rebbieħa'. ______________
7. Jien is-Sultan tat-Torok li bgħatt lis-suldati biex jattakkaw. ______________
8. Hawnhekk it-Torok tellgħu l-kampijiet tagħhom waqt l-Assedju l-Kbir. ______________
9. Jien il-messaġġier li kien iġib il-messaġġi bl-għawm minn Sant'Iermu. ______________
10. Jien il-mexxej tat-Torok li miet waqt l-Assedju f'Malta. ______________

**A.2 Ikteb in-numri wara xulxin skont kif ġraw dawn il-ġrajjiet.** (8 marki)

| | |
|---|---|
| | Wara xi żmien wasal Malta l-furban famuż Dragut li beda jgħin mhux ftit f'dan l-attakk. |
| | L-ewwel attakk sar fuq il-forti Sant'Iermu. |
| | Din ir-rebħa fissret ħafna għal Malta għax b'hekk hija dehret bħala t-tarka tal-Kristjaneżmu. |
| | Minkejja l-attakki ħorox tat-Torok huma ma setgħux jirbħu lill-Birgu u l-Isla. |
| | It-Torok irnexxilhom jirbħu lil Sant'Iermu fit-23 ta' Ġunju. |
| | Il-flotta Torka waslet f'Mejju u ħafna mill-bastimenti ankraw fil-port ta' Marsaxlokk. |
| | Meta ġriet l-aħbar li kienet waslet għajnuna kbira lil Malta taħt Don Garcia de Toledo, it-Torok telqu lura lejn pajjiżhom. |
| | Fl-1565 it-Torok attakkaw lil Malta. |



## A.3 Id-difiża ta' Malta fl-Assedju l-Kbir. Wieġeb skont il-mappa.

**(12-il marka)**




1. Port A huwa l-Port il-________________. **(2 marki)**

2. Port B huwa l-Port ta' _________________. **(2 marki)**

3. L-ittra Ċ qiegħda fejn kien hemm l-Għolja ______________. **(2 marki)**

4. Fejn hemm in-numru 6 kien hemm _________________. **(marka)**

5. Fejn hemm in-numru 1 hemm (il-Kastell Sant'Anġlu, is-swar tal-Birgu, is-swar tal-Isla, il-Forti San Mikiel) **(marka)**

6. Fejn hemm in-numru 5 nsibu (l-Kastell Sant'Anġlu, l-Birgu, l-Isla, l-Forti Sant'Iermu). **(marka)**

7. Fejn hemm in-numru 2 insibu (s-swar tal-Birgu, l-Kastell Sant'Anġlu, l-Isla, Marsamxett). **(marka)**

8. Għaliex taħseb li t-Torok attakkaw l-ewwel lil Forti Sant'Iermu?

_________________________________________________ **(2 marki)**

## Sezzjoni B – L-Iskart

**B. 1 Wieġeb billi tikteb VERU jew FALZ.** **(10 marki)**

| | |
|---|---|
| 1. Biex nirriċiklaw l-iskart nużaw ħafna enerġija. | |
| 2. Mill-ħġieġ nagħmlu l-kompost. | |
| 3. Il-batteriji narmuhom fil-kontenitur l-iswed tal-metall. | |
| 4. M'għandniex narmu gazzetti fil-bring-in-sites. | |
| 5. Mill-karti wżati u gazzetti, il-fabbriki jagħmlu toilet paper u tissues. | |
| 6. Il-kompost jintuża fil-ġonna u fl-għelieqi. | |
| 7. Innaqqsu l-iskart meta karta nużawha min-naħa waħda. | |
| 8. Fl-impjant ta' Sant'Antnin isir ir-riċiklaġġ. | |
| 9. Qxur ta' banana jintefa' fil-kontenitur kannella. | |
| 10. Nistgħu nagħmlu krafts b'kartun ta' kaxxi taċ-ċereali biex innaqqsu l-iskart. | |



**B.2 Fejn ħa npoġġu dawn l-affarijiet? Poġġi dawn l-affarijiet li ġejjin taħt il-kontenitur it-tajjeb.** **(10 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| • vażett tal-ġamm | • kartuna taċ-ċereali | • karta wżata |
| • bott tal-*Ice Tea* | • bott tal-kunserva | • flixkun tal-inbid |
| • flixkun tal-plastik tad-deterġenti | | • gazzetta |
| • flixkun tal-plastik tal-ilma | | • riga tal-plastik |




- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________




- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________




- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________




- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________

**B.3 Imla l-vojt.** **(10 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| sseparat | bl-ilma | innaqqsu | maħsula | il-linka |
| injam | Tlieta | borża griża | siġar | b'saħħitha |

Kull nhar ta' ________________, minn kull lokalita' f'Malta tinġabar il-________________ jew ħadra minn wara djarna. Din titttieħed fl-impjant ta' Sant'Antnin ġewwa Wied il-Għajn. Hawnhekk l-iskart jiġi ________________. Il-karti kollha jiġu ________________ u mħallta f'kontenituri kbar mimlija ________________ biex titlaq ________________ minn fuqhom. Xi kultant ma' din it-taħlita jkollhom iżidu taħlita ta' biċċiet tal-________________ ħalli l-karta tiġi ________________. B'hekk inkunu qed ________________ l-iskart u l-qtugħ tas-________________.



## Sezzjoni Ċ – It-Tieni Gwerra Dinjija

### Ċ.1 Aqta' sing taħt it-tajba. (10 marki)



1. Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija Malta kienet taħt (it-Taljani, l-Ingliżi, il-Ġermaniżi).
2. Biex jittaffa l-ġuħ ġew organizzati (ikliet fix-xelters, ikliet f'restoranti, l-victory kitchens).
3. L-Alleati kienu (l-Italja u l-Ġermanja, l-Italja u l-Ingilterra, l-Ingilterra u Franza).
4. It-Taljani kienu mmexxija minn (Adolf Hitler, Benito Mussolini, Winston Churchill).
5. L-ewwel ħbit fuq Malta seħħ (fil-11 ta' Ġunju 1940, fit-23 ta' Ġunju 1942, fil-15 ta' Awwissu 1942).
6. Post li ntlaqat ħafna fil-gwerra kien (Bormla, Ħal Għaxaq, il-Munxar).
7. Qabel attakk mill-ajru kienet tindaqq (qanpiena tal-iskola, kanzunetta, sirena).
8. Il-monument tat-Tieni Gwerra Dinjija jinsab il-(Belt Valletta, Furjana, Marsa).
9. Ajruporti ta' żmien il-gwerra kienu Ħal Far u (Ħal Luqa, Ħal Qormi, Ħal Safi).
10. Il-qawwa tal-ajru Ġermaniża kienet tissejjaħ (Royal Air Force, Luftwaffe, Lufthansa).

**Ċ.2 Ikteb sentenza fuq kull stampa biex turi r-rabta li l-istampa għandha mat-Tieni Gwerra Dinjija.** (10 marki)

1.




2.



3.



4. 

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

5. 

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________